MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Numru. 1230/2012

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Darren Buhagiar)**

**Vs**

**Michael Mifsud**

**Kump. Nru. 1230/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Michael Mifsud**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 12286(M), gie akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-3 ta' Frar 2003 u l-4 ta' Frar 2003, f'xi hin bejn id-disgha ta' filghaxija u s-sitta u nofs ta' filghodu, fi Triq Santu Rokku, Kalkara, ikkomettejt serq ta' vettura tal-ghamla *Fiat 132* ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni AAQ 842, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li huwa iktar minn mitejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhuwiex izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Jude Caruana mill-Kalkara;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla *Fiat 132* ta' lewn abjad bin-numru ta' registrazzjoni AAQ 842, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Jude Caruana mill-Kalkara;

3. Fil-lejl ta' bejn is-27 t'Awwissu 2005 u it-28 t'Awwissu 2005, f'xi hin bejn l-ghaxra u nofs ta' filghaxija u l-erbgha nieqes kwart ta' filghodu, fi Sqaq Lourdes, Paceville, San Giljan ikkomettejt serq ta' ammont ta' CD's minn go vettura tal-ghamla Peugeot 206 ta' lewn blu bin-numru tar-registrazzjoni LCC 935, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Vincent Axisa minn Pembroke;

4. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-ghamla *Peugeot 206* ta' lewn blu bin-numru ta' registrazzjoni LCC 935, liema ammont ta' hsara ma jkunx jiskorri elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma jkun izjed minn mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Vincent Axisa minn Pembroke.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-21 ta` Novembru 2012 li jinsab *a folio* 8 ta` l-atti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat fuq kollox il-verbal tas-seduta ta` llum 18 ta` Marzu 2015 fejn, *inter alia*, l-imputat ammetta ghall-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u kompla jinsisti fuq din l-ammissjoni anki wara li l-Qorti tatu zmien biex jahsibha skond il-ligi;

Rat illi kemm l-ufficjal prosekutur kif ukoll l-imputat irrimettew ruhhom ghal dak li jirrigwarda l-piena;

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu gew sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Fil-kuntest tal-piena din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni, fost ohrajn, is-segwenti :

1. L-ammissjoni ta` l-imputat;
2. Li dan hu kaz antik li jmur lura ghas-sena 2003, u gie pprezentat fil-Qorti fis-sena 2012 propju minhabba d-diffikultajiet li maghhom iltaqet il-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha;

3. Il-fedina penali refrattarja ta` l-imputat;

**Konkluzjoni**;

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 261, 263, 267, 270, 271, 278, 279(a), 280 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, taqta u tiddeciedi billi **ssib u tiddikjara lill-imputat Michael Mifsud hati skond l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghhu u tikkundannah ghal piena ta` prigunerija komplessiva ta` tnax-il (12) xahar**.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------